MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 471/2007

Kawza fil-lista: 27

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Novembru 2006, skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument A;

2. Peress li l-partijiet isseparaw fl-1 ta' Ottubru 2007 u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutara Mikela Sammut hawn anness bhala Dokument B;

3. Peress illi l-kunsens tal-kontendenti mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

4. Peress illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psiklogika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

5. Peress illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan stante illi l-konvenut qatt ma assuma d-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga tieghu;

6. Peress illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Tghid il-konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fit-18 ta' Novembru 2006 skond l-anness certifikat taz-zwieg anness bhala dokument A, huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda illi l-esponenti jaqbel li jezistu ragunijiet validi skond il-Ligi sabiex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u invalidu pero' hemm ragunijiet skond il-Ligi li jaghtu lok ghat-tort lir-rikorrenti ukoll.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-18 ta’ Novembru 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [h], u dak ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta’ Novembru 2006 wara li kienu lhom johorgu flimkien sena u ghaxar xhur. Wara <u>konvivenza matrimonjali ta’ disa’ [9] xhur</u> il-partijiet isseparaw de facto, u fil-15 ta’ Ottubru 2007 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi fix-xhieda taghhom il-partijiet ghamlu diversi akkuzi fil-konfront ta’ xulxin; izda dak li rrizulta car ghal din il-Qorti huwa n-nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju taz-zewg partijiet dwar id-dmirjiet tal-hajja konjugali, evidenzjat mill-fatt tal-hajja konjugali <u>qasira u turbolenti</u>. Il-Qorti thoss li z-zewg partijiet kienu affetti mill-immaturita’ affettiva li tikkostitwixxi bazi valida ghall-annullament taz-zwieg odjern.

In tema legali jigi osservat li jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta’ maturita’ affettiva jimporta “generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita’ affettiva] e ponderato [immaturita’ di gudizio]” [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta’ Jannar 2006*].

In-nuqqas tal-partijiet f' dan ir-rigward, kien ta' ostakolu ghalihom sabiex jadempixxu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; <u>the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being,</u> which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*]. Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom "the community of life and love."

Dan kien lampantament mankanti fiz-zwieg in disamina, u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dan fil-konfront taz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Novembru 2006. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------